II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 101/2014

tal-4 ta' Frar 2014

dwar l-awtorizzazzjoni tal-L-tirosin bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistipula l-awtorizzazzjoni ta' additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u għar-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-L-tirosin bħala addittiv tal-ikel fil-grupp funzjonali "aċidi amminiċi, l-imluħ u l-analogi tagħhom". Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-L-tirosin bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, biex jiġi kklassifikat fil-kategorija tal-additivi "additivi nutrittivi".

(4) Fl-opinjoni tagħha tal-20 ta' Ġunju 2013 [2] l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") kkonkludiet li skont il-kundizzjonijiet ta' użu proposti, l-L-tirosin ma għandux effett ħażin fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, u l-użu tiegħu jista' jitqies bħala effikaċi biex jikkontribwixxi għar-rekwiżiti li l-aċidi amminiċi jkun fihom il-kubrit għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. L-Awtorità tqis li ma hemmx bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għal monitoraġġ wara l-kummerċjalizzazzjoni. L-Awtorità vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu tal-analiżi tal-additivi tal-għalf fl-għalf li ġie ppreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza mwaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) L-evalwazzjoni ta' dik il-preparazzjoni turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfatti. Għaldaqstant, l-użu ta' din is-sustanza għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sustanza speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' additivi 'additivi nutrittivi' u mill-grupp funzjonali "aċidi amminiċi, l-imluħ u l-analogi tagħhom", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
[2] *EFSA Journal* 2013; 11(7):3310.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija ta' annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg/kg għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
Kategorija ta' addittivi nutrittivi Grupp funzjonali: aċidi amminiċi, l-imluħ u l-analogi tagħhom									
3c401	—	L-tirosin	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Trab immanifatturat permezz tal-idroliżi tal-keratina mir-rix tat-tjur b'kontenut minimu ta' L-tirosin ta' 95 % *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Isem tal-IUPAC: (2S)-2-amino-3-(4-idrossifenil)aċidu propanojku Numru tal-CAS: 60-18-4 Formula kimika: $C_9H_{11}NO_3$ *Metodi analitiċi* (1) Għad-determinazzjoni tal-L-tirosin fl-addittiv tal-għalf: Titrimetrija, Farmakopoeja (Ph. Eur. 6.0, metodu 01/2008-1161). Għad-determinazzjoni tal-L-tirosin fil-premessi, fl-għalf kompost u fil-materjali tal-għalf: Metodu tal-kromatografija tal-iskambju tal-joni bid-derivatizzazzjoni postkolonna u d-detezzjoni fotometrika: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 (2) (Anness III, F).	L-ispeċijiet kollha	—	—	—	1. Għas-sikurezza tal-utent: uża l-ingwanti, in-nuċċali tas-sikurezza u t-tagħmir għall-protezzjoni tan-nifs. 2. L-istruzzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu rakkomandazzjoni li l-kontenut ta' L-tirosin ma jaqbiżx 5 g/kg ta' għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 % għall-annimali li jipproduċu l-ikel, u 15 g/kg ta' għalf komplut b'kontenut ta' umdità ta' 12 % għall-annimali li ma jipproduċux ikel.	Il-25 ta' Frar 2024

(1) Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/authorisation/evaluation_reports/Pages/index.aspx
(2) ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1.